46

2

# IL KAPURAL SIMON

Dramm fi' Prologu
u 3 Atti

---

Traduzzjoni ta' G. Zammit

PROLOGU U I ATT

Solesian Theatre
— Sliema —
Script nos: 346

# Il-Kapural Simon

Dramm sabiħ ħafna fi prologu u 3 atti.

Dan il-dramm jeħodna lura fiż-żmien Napuljun. Insibu f'wiċċna mill-kampijiet u nsibu kmandant li bi għubija kbira jitlef ħajtu izda qabel miet kellu x'jikkomunika lil ibnu lil kapural Simon, li aktar tard dan ukoll jingħabad fil-battalja. Il-ħajja jiġi salv izda Simon ġie mgħarraf b'mewtu, li ukoll kellu iben ma' tweldinu. Jiġri li bin il-kmandant u bin Simon jaħsbu li kienu aħwa. Izda aktar tard nergħu naraw lil Simon li kien ġie magħrud mill għadu u meħlus wara 10 snin. Hawnhekk tibda tasja aħwa għax barra li jsolvi il-problema ta' ibnu u bin il-kmandant jasal biex jagħmel sinjur kbir lil bin il-kmandant wara ħafna tfixkil minn bniedem li ried jeħles totalment minn Simon.

Bonello

# IL KAPURAL SIMON

Dramm fi' Prologu

u 3 Atti

Traduzzjoni ta' G. Zammit

---oooo0oooo---

## MIN JEHU SEHEM

| | |
|---|---|
| ROQUEBERT, | General Tal Armata Francisa............... |
| TAVERNY, | Kummisarju tal gwerra...................... |
| SIMON, | Kapural.......................................... |
| PICARD, | Suldat tal kavallerija...................... |
| PIETRO FROCHARD, | Vici Sindaku.................................. |
| WERTHER, | Habib ta' Roquebert......................... |
| EWGENIO, | Iben Roquebert. 4 snin fil Prologu, 14 wara.......... |
| LUCIANU, | Iben Simon.... 16 il sena......................... |
| GERMOND, | Nutar Pubbliku................................. |
| MARKU, | Seftur ta' Frochard........................... |
| POTICHON | Suldat fil prologu u seftur wara............ |
| AJJUTANT, | Ordinanza ta' Roquebert..................... |

Suldati, kontadini u gendarmi.

---000---

Epoka Napoleonika. L-azzjoni tisvolgi ruhha: fil prologu fin-nahhiet ta' Ulma, u fl-atti l-ohra f-Sant Lawrent. Bejn il prologu u lewwel att jghaddu ghaxar snin.

@%@%@%@%@%@%@%@

## FA BISOGNO

**PROLOGU** - Tinda li isservi ta'kamp, tvalja, mejda u affarijiet tal kitba, anterna mixghula, dispacc, platti bl-ikel ghas-suldati, dispacc ghal ajjutant, ittra ghal Simon, inkartament ghal Roquebert, tiri ta azzarin fil bghod, kapott ghal Simon, faxxa ghal Roquebert

I ATT - Tinda ghal lukanda, tavolin u siggijiet, daqq tal qniepen, bastun ghal Simon u xkora b-xi dokumenti, cwievet, ittra ghal Potichon, borsa bil flus ghal Picard.

II ATT - Bagoll kbir, mejda, siggijiet, pultruna, ritrat imdendel ta' mara, pergamena u portmanto, ittra ghal Potichon, ktieb, dokument, affarijiet tal kitba sparatura min gewwa.

III ATT - Kancell, bank tal gebel u siggijiet, borsa tal flus ghal Taverny, rivoltella.

---

# PROLOGU

Is-scena tirrappresenta parti mill-kamp tal-battalja fin-nahhiet ta' Ulma. Fix-xellug in-nahha ta' quddiem tidher it-tinda tal general Roquebert. Mejda bi tvalja fuqha, affarijiet tal kitba u anterna mixghula. fil-lemin, fil fond, azzarini wieqfin tlieta tlieta. Mal ftuh tal purtiera il general Roquebert ikun bilqgheda ma gemb il mejda; ikun ghadu kif kiteb dispacc. Ikollu ma' gembu lill-ajjutant wieqaf. Potichon bil platt f-idu qighed jekol. Is-sentinella tippassiggia bil mod il-mod. Il quddiem xi suldati jikkunsmaw ir-razzjon tahhom flimkien ma' Potichon.

## Scena I

Roquebert, l-ajjutant, Potichon u xi suldati umbat Taverny

Roquebert (Lill Ajjutant) Ibghat dan id-dispacc fil Kwartier Generali.

Ajjutant Tajjeb wisq. (Ajjutant johrog).

Potichon (B-halqu mimli; lill suldat iehor) Accidenti, fil-hin li jena nibla bukkun, milli qed nara inti qighed tibla tnejn...narawha din ma' l-Imperatur.

Picard Sewwa qighed tghejd...mill banda l-ohra jen qed nara li biex tiekol mintix hafif bhali, irrid naraha din ukoll jen.

Taverny (Jidhol mill-fond; lis-sentinella) Il General Roquebert jinsab hawn?

Roquebert Ghaddi...ghaddi, Taverny.

Taverny Sur General, komplejt id-dmir illi nigi ghandek, qabel ma........

Roquebert Allura, sejjer thallina? U issa min sejjer jehu kura ta' l-armata jekk il kummissarju tal gwerra sejjer jabbandunana? U fejn sejjer?

Taverny F-Monaco, biex nghamel il provvisti giodda. Ghadni kif ircevejt propju issa il passaport min ghand il kaptan tal ghassa, u ghalhekk napprofitta ruhi ghax issa huwa possibili ghalija li naqsam il-linji.

Roquebert Xejn ma' nghejdlek ghoqod attent li mas-sibx ruhek it-tradut min xi distakkament tal ghadu, li aktarx ikun ighasses fin-nahhiet tal-belt.

Taverny La tiehux hsiebi sur General. L-aktar li qighed jinkwetani hia is-sitwazzjoni li ninsabu fiha, jigiefiri id-distanza li hemm min hawn ghal kwartier generali.

Roquebert Esegwejt l-ordnijiet li gew mghotija lili mill-Imperatur. "General Roquebert" qalli "Mur ilhaq dik il posizzjoni u ikkampa fuq in-nahhiet ta' Ulma" U ekku li ahna ninsabu fejn gejna ordnati, qalli ukoll, "Jekk inti tigi attakkat, irrispondi bil-kalma u irtira in-nahha tal Kwartier Generali, fil-waqt li inti tkun

qighed tressaq lill ghadu......

**Taverny** Tirtira? U lilek giet mghotija ordni simili? Li hia kuntrarja ghad-drawwiet valorusi tighek?

**Roquebert** Hallini inkomplilek il bqija tal-ordni Imperjali "Inti Mghandekx ghal-ordnijiet tighek hlief elf u hames mitt suldat li huma probbabbli ghaxar darbiet inqas mill-armata li tasal biex takkakkak. Il glieda tkun harxia, u jena sgur li mhux ilkoll targiaw lura fil Kwartier Generali, pero l-armata tghana tibqa tafulkom jekk il vittoja tirnexxi" " Ma jidirlekx li dawn lahhar kelmiet huma ironici, mhux veru?

**Potichon** (Waqt li ikun ghadu jekol) X-ix-xiaten gie bejn snieni ?.....Qattus it-torok, skartocc....

**Picard** (Flimkien mas-suldati) Ha, ha, haj....skartocc.....

**Potichon** Forsi il kok naqsu il melh u min floku tafa ftit porvli.

**Taverny** (Li f-dan il hin kien qed jitkellem min taht ilsien ma Roquebert) Dan kollu li qed tghejdli inkwetani tassew. Jekk qatt forsi.....

**Roquebert** Nigi maqtul? Le, le; inhoss gewwa fija, kwasi izjed milli nixtieq, il bzonn li nghejx. Min dik inhar li hallejt id-dar ta' missieri, kont ghadni giuvni, ma' hsibtc f-hag-ohra hlief li nakkwista il meriti, u hekk b-dan il hsieb f-rasi qbatt it-trieq ta' xghol ahrax f-diversi gradi tal hajja militari. L-Imperatur irregal ani fin-nahhiet ta' Sant Lawrent, il pajjis fejn twelidt possessjoni liema bhala. Temmen li qatt ma' stajt insib ftit zmien biex immur u niehu dan il pussess? Ghaziz Taverny, kulltant nghoqod nahseb li min jaf jekk nargiax insib ruhi f-pajjisi fi' hdan il familja, flimkien ma' ibni u il mara tighi; oh, kieku kemm inkun felici

**Taverny** (Bid-dahqa) Ah, iva...Sant Lawrent...il helwa kampanja, tajjeb wisq; ibqa cert illi huma dejjem jistennewk.... ma jena naf tajjeb, cioe gejt infurmat illi ma' idumux ma' jibghatulek it-tifel hawnhekk.

**Roquebert** Tassew Taverny? U kif taf b-dan? Forsi huwa wasal digia?

**Taverny** Kif? Ma tafx mela meta huwa ghandu jasal?

**Roquebert** Le ma nafx. Qighed tara kemm hia stramba l-esistenza taghna, Taverny? Dejjem gejjin [illegible] u sejrin minghajr mistrieh u frattant qatt ma' tista tiftah dirghajk u tghannaq lill gheziez tighek ma' qalbek. Iva, ghaziz Taverny...nahseb li mandumx ma' narah lill ibni.

**Taverny** Imma min ~~lime parti~~ liema parti ghandu jasal? U ma' min huwa gej?

**Roquebert** Min Stokkarda. Fejn hallejtu qabel tlaqt.

**Taverny** Min Stokkarda?

Roquebert — Precisament. Fi' Stokkarda hallejt mighu ukoll lill ghaziza marti Mina Ta' Ranzberg. Kont ghadni ma' xxxxxx lesteje ghal kollox l-affarijiet tighi tal familja, meta, ircevejt l-ordni biex immur nilhaq immediatament l-armata li kienet digia skjarata ghal kontra l-Austriaci. xxxx L-ordni ma' kienitc tammetti ritard. Dik inhar ibni kien jinsab b-kumbinazzjoni ilbghod mill-belt ma' gemb zijiethu. Qabel tlaqordnajt illi igibuhuli hawn aktar tard, u illum ghaziz Taverny, nittama li nghanqu ma' qalbi.

Taverny — Nifrahlek bil-qalb sur General...pero issa sejjer inhallik u nargiaw naraw irwiehna wara il gwerra.

Roquebert — Kif allura inti sejjer hekk malajr?

Taverny — Mhux malajr malajr ghal kollox, malli tigi il karrozza bil bagalji tighi ikolli nitlaq hin bla waqt; jekk pero jibqghali minuta zmien nargia nigi biex nistringilek idek mill gdid.

Roquebert — Il fortuna it-tajba mela ghaziz Taverny. (Isejjah lill Picard) Picard wassal jekk jghogbok lill dan is-sinjur.

Picard — Mighek jen General. (Taverny isellem u jitlaq ma' Picard).

Scena II

Ajjutant u ta' qabel umbat Werther

Ajjutant — (Jithol) Sur General, ftit ilu is-sentinelli taghna arrestaw karrozza li minna nizel ragel sinjur u talab biex ikelmek. Huwa qighed hawn u jekk inti tippermettilu.........

Roquebert — Gibuh hawn malajr. (L-Ajjutant johrog u jargia jithol ma' Werther) (L-Ajjutant johrog).

Werther — Ghaziz General, ekku li' f-lahharnett ninsab mighek.

Roquebert — Oh, Werther nirringrazzjak b-qalbi kollha...ma' ibni Ewgenio ma' hux mighek?

Werther — Iva, gibtu mighi; imma hsibt u rajt biex inhallieh ma' xi kontadini hbieb tighi vicin ta' l-akkampament. Ma' hsibtc pero li inti trid izzommu ma' gembek f-dawn il mumenti kritici. Min hawn u ftit iehor ikolli nitlaq ghal Monaco.

Roquebert — Le Werther, gibli hawn lill Ewgenio, irrid illi ibni ikun ma' gembi. Stenna ftit halli niktiblek min idejja stess l-ordni halli tkun tista iddahlu fil kamp. (Jaqbad karta u jikteb).

Scena III

Ajjutant u ta' qabel

Ajjutant — (Jithol, jippresentalu dispacc) Ghalik General.

Werther Jittratta certament min xi ordni.

Roquebert Nahseb li ma' hemm xejn specjali.

Werther General, jekk il quddiem xi cirkostanzi fatali tal gwerra ikunu il kagiun li jifirduk min ibnek........

Roquebert Kun af li mighej ghandi veru habib, fidil u affezzjonat; dak l-istess suldat li kien mighi fi' Stokkarda.

Werther Qighed tghejd forsi ghal Simon?

Roquebert Iva. Ghalich bqajt il habib tat-tfulija taghna. Flimkien hallejna il pajjis fejn twelidna, u flimkien rajna lewwel battalji. Jena sgur li Simon jati hajtu ghalia, bhal ma' jena cert li huwa pront ghal kwalunkwe sagrificcju ghal gid ta' ibni. Issa insejjahlu, nghejdlu kollox u allura inti tista tavdalu lill Ewgenio bhallikieku f-idejn it-tieni missieru.

Werther Allura jena sejjer ingib lic-ckejken, umbat.......

Roquebert Umbat tista tmur lejn Monaco tighek. Imma kif tahseb li tkun tista taqsam il-linji tal kumbattiment biex tkun tista tasal qawwi ~~xx~~ u shih f-Monaco? (Jara lill Taverny gej) Oh ghoqod, kieku Taverny irid......

Scena IV

Taverny u ta' qabel

Taverny (Jithol) General.....

Roquebert Taverny, fl-isem tal hbiberija sinciera li ghandek ghalija nitolbok favur kbir.

Taverny Ikkamnda General.

Roquebert Ippromettili li tkun il gwida u id-difensur ta' dan il habib ghaziz, u li ma' titilqux qabel ma taslu Monaco.

Taverny (Lill Werther) Sinjur nirringrazzja lill General ghal missjoni li huwa qighed javdali f-idejja.

Roquebert Grazzi Taverny. (Lill Werther) Allura tista tmur Werther u fittex gib hawn lill ibni.

Werther Iva sejjer....u nargia inkun mighek malajr.

Roquebert Nistenniek. Taverny nitolbok illi tkun tant gentili illi twassal lis-sinjur sal karrozza. (Lill Ajjutant) Ekku, issa ninsab pront mighek kaptan. (Taverny u Werther jitilqu u Roquebert jesamina id-dispacc) Gej min-nahha ta' l-Imperatur.

Ajjutant Sur General, il messagg gie mibghut lilek b-urgenza kbira, tant hu hekk illi iz-ziemel ta' l-Ordinanza li ghadu kif wasal bih waqa bil-ghajja kwasi sfinit.

Roquebert (Wara li ikun qara) Hemm bzonn immediatament nasal sal

Kwartier Generali, i-futur ta' l-armata jinsab milghub. (Ikun sejjer jigri lejn it-tinda, imma jeqaf b-salt) U ibni? (Lis-suldati) Il kapural Simon malajr. (jinstema jirrepeti ruhu tnejn jew tliet darbiet l-isem ta' Simon min-nahhiet opposti) Kaptan lesti iz-ziemel. (Lis-suldati) U kif kien ghadu ma' giex il kapural Simon?

Scena V

Simon, Potichon, Picard u ta' qabel

Simon (Isellem militarment) Ekku fejn jen general.

Roquebert (Jghamillu sinjal biex jersaq) Ghandi bzonn inkelmek, istennini hemm ma gemb it-tinda u ticciaqlaqx ghal-ebda ragiuni.

Simon Tahseb xejn General.

Roquebert Immorru kaptan. (Roquebert u il kaptan jitilqu).

Simon Tajjeb wisq; mela nimmonta jena ukoll bhala sentinella. (Lis-sentinella) Habib, trid illi naqsmu flimkien il ghassa?

Potichon Oh, din sabiha.

Suldati (jidhqu).

Simon (Josserva lill Picard) U inti il ghaliex ma' mortc mal kaptan tighek?

Picard (Jersaq il quddiem) Ma kienx possibili habib, iz-ziemel tighi waqa biex forsi ma' iqumx izjed.

Simon Qighed tara hux meta ikollok x-taqsam ma' ta' l-erba saqajn; mentri ahna, msejknin suldati, dejjem irridu ng nghamluha ta' sefturi. Intant, dawn huma kollha stejer. Allura, x-inhuma jghamlu sabieh fil Kwartier Generali?

Picard Jithassbu jekk mument jew iehor jiltaqghux ma l-ghadu biex jehdulu b-idu.

Simon Nahseb jen li ikun aktar bravu min jgharaf jistringi l-izjed. U x-jahsbu sabieh il granatieri taghna fuq dawn il pajjisi?

Potichon Jena nghejd illi possibilment huma kollha zbieh.

Simon Smajtuh il giudizzju ta' bniedem kbir?

Potichon Jena qighed nghejd dak li jidirli f-lahharnett.

Simon Imma inti tahseb hekk ghax ghadek rekluta. Kieku sibt ruhek fil battalji glorjusi ta' l-Italja, allura kont tahsiba mod-iehor. Dawk pajjisi; dawk pjanuri; dakk muntanji ghaziz Potichon...kif inghejdlek jen li huma il veru genna ta' l-art. Min rgha l-Italja sgur li ma

jinsiha qatt ghal hajtu kollha.

Picard Ilek hafna allura fl-esercitu int?

Potichon Iva, iva ilu...xieh sewwa il giuvni taghna, u ghandu ukoll mara u tfal.

Picard Tassew?

Simon (Lill Potichon) Iskot u aqta biccia min ilsienek.

Potichon Il mara tighu hia il vivandiera tar-rigment.

Picard Tajjeb wisq kapural, u it-tfal?

Simon U xi tfal...wiehed biss, dan l-ghageb kollu; jinsab f-pajjisi, f-Sant Lawrent; ghadu kemm ghalaq is-sitt snin; nispera li nghamel minnu granatier bil-ghaqal...hekk ried Alla l-Imbierek li nibqa b-dan it-tifel biss, dan huwa id-disinn Tighu.....

Potichon Iva...iva, filwaqt illi ic-ckejkna tighek imsejkna........

Simon (Jimsah demgha) Twieldet fil kampanja, f-mument ta' tanbit kbir f-pajjisna...minnufieh l-avvenimenti saru aktar koroh....imma, imbiddlu id-diskors habib....

Potichon Appuntu kapural...issa hemm bzonn tahseb biss f-ibnek.

Simon SIMON Lucjanu tighi...milux kitibli ittra sewwa sew meta ghalaqt snieni (Jurihom l-ittra) Aqraw u ghejduli jekk hemmx tifel ta' dik l-eta ta' sitt snin li jaf jikteb daqshekk.

Potichon Nahseb li qrajta bil qalb, eh?

Simon Le...(Jghaffec melanconikament l-ittra).

Potichon Le?

Simon Imma kemm int injurant. Ma tafx forsi int li kieku kont naf naqra, kieku sirt Marixxal ta' l-Imperu?

Potichon U xejn inqas u izjed.

Simon Jekk qighed inghejdlek hekk sinjal li veru. Roquebert il General taghna kien dejjem ighejdli: "Hares Simon, ahna flimkien hallejna Sant Lawrent, ikkumbattejna l-istess battalji, ghaddejna mill-istess toroq...int issarajt ma' l-ghedewwa l-istess bhali u kellek feriti aktar minni; jena akkwistajt li spalletti tad-deheb u int il galluni ta' kapural. Umbat dan ghaliex? " kompla ighejdli " Il ghaliex qatt ma' ridt titghallem taqra" U veru, ma' nichadc imma kif tghamel? Dejjem bid-drillijiet, battalji u x-naf jen....

Picard Irrakkontalna xi hagia, kapural Simon.

Simon U xi triduni nirrankontalkom? Xi tridu tafu? Forsi xi

hagia fuq il familja tighi? Il mara tighi Maria hia Milanisa, kif nghejdilkom jen li hia anglu tat-tjubija u minna ma' kellix hlief konsolazzjoni u konfort. Min-nahha tighi ma' feccejtc hag-ohra hlief li inpattila dan kollu b-affett u rikonoxxenza. Il gwerer umbat, gheziez hbieb tighi hemm xi tghejd bizzejjed fuqhom; kelkom bzonn kontu presenti mighi fli' storici granet ta' Montenotte, Millesimo, Dego u Lodi, fejn ma' konniex hlief ftit nies armati kontra il forzi qawwija ta' l-ghedewwa, meta l-istess Imperatur ma' kienx ghadu hlief general.

Picard — Allura inti ikkumbattejt mal general Bonaparti?

Simon — Iva, u mhux darba u tnejn. L-aktar battalja harxa li hadt parti fiha flimkien mal Imperatur, hia dik ta' Lodi. Ahsbu daqxejn, konna ma' dwar erba'mitt ruh li minnhom ma' bqajniex salvati hlief ghoxrin.

Picard — Ghoxrin eh?

Simon — Bonaparti fin-nofs, idoqq it-tambur, filwaqt li kienet qisa niezla xita tan-nar imdawra mighu minghajr biss ma' tabbuza tmissu. Spicciat il battalja, ghamilnieh kapural taghna.

Potichon — L-Imperatur kapural, ha, ha, haj.....

Picard — Dawk kienu zmienijiet kbar.

Potichon — U martek allura?

Simon — Dak iz-zmien kienet ghada ma' hix il mara tighi, konna wasalna f-Milan xi tnejn jew tliet tijem wara il battalja ta' Lodi.

Picard — Domtu xejn hemmek?

Simon — Le, ftit; hsibna li kollox kien spiccia u li kien gej ghalina ftit tal mistrieh, u allura izzewwigt lill Maria il mara li ghandi. Imma hekku li giet l-ordni biex immarciaw malajr lejn ir-Repubbblika ta' Venezja biex nilqghu it-tgheddid ta' esercitu gdid Austriak. F-Lonato saret il battalja, li fiha ghal ftit ma' waqatc prigiunier, u issa l-istess general ta' dak l-esercitu qighed jippersegwitana hawnhekk f-Ulma. Imma maghna kellna lill Bonaparti u flok ma' waqajna ahna prigiunieri, l-ghedewwa kienu kostretti li icedu l-armi.

Scena VI

Werther. l-Ajjutant u ta' qabel

Werther — (Jithol ma' l-Ajjutant) Il General Roquebert?

Ajjutant — Telaq malajr biex ikompli l-ordni ta' l-Imperatur.

Werther — Telaq? Taf xejn jekk sejjahx qabel ma' telaq lill kapural Simon?

Ajjutant — Iva sinjur sejjahlu. Ekku fejn huwa.

Werther	Nirringrazzjak. (L-Ajjutant jitlaq) Jekk jghogobkom il kapural Simon........

Simon	Huwa jen.

Werther	Infatti, niftakar li rajtek darb-ohra.

Simon	Lili?

Werther	Is-sena l-ohra fi' Stokkarda.

Simon	Iva veru hemm kont. Allura fiex ghandi l-unur li inservik ?

Werther	Stennini mument, dalwaqt inkun mighek u wara tkun taf kollox, halli lewwel ingibulek (Jitlaq).

Simon	Ingibulek? Imma jena ma' nista nifem xejn. (Pawsa).

Scena VII

Werther, Ewgenio u ta' qabel

Werther	(Jithol bit-tifel) Ekku fejn huwa.

Simon	Tfajjel......

Werther	Nikkonsenjahulek f-idejk.

Simon	Sinjur skuzani....imma ma' nistax nifmek ghadni.

Werther	Il General Roquebert nahseb li digia kelmek. (Minghajr ma' jistenna risposta idur lejn Ewgenio) Dan il bravu ragel sejjer jehu hsiebek.

Ewgenio	Jghogiobni. Jena inhobb hafna lis-suldati.

Simon	(Bejnu u bejn ruhu) Dan is-sinjur sejjer jghamel minni ghassies tat-tfal? Jiddispiacini, imma ma' naccettax karighi min din ix-xorta.

Scena VIII

Taverny u ta' qabel

Taverny	(Jithol, lill Werther) Il karrozza [redacted] hia pronta sinjur.

Werther	Nirringrazzjak. (Lill Ewgenio) Ewgenio, ghaziz tighi, ejja u tini bewsa, jena issa sejjer il bghod. (Ewgenio jghanqu) Nirrikmandalek li tkun bravu...Addio Ewgenio, itakar fija. (Werther u Taverny jitilqu).

Simon	Mid-dlam ghad-dlam u bqajt ma' nista nifem xejn. (Jitlaq ghal wara Werther) Sinjur, sinjur...ippermettili..(Pawsa) ara kif telaq u hallieli ma' saqajja lill dan it-tifel..

Ewgenio	(Jigri wara Simon) Papa, papa...

Simon	(Jeqaf b-salt u ihares ma' dwaru) X-qal?

Ewgenio Papa, marric illi inti titlaq, hej.

Simon Argia...(Ihares ma' dwaru) Imma fejn il mnighel hu il papa?

Ewgenio Il papa huwa int. Ftit ilu qaluli li rawk u li inti sabih. Imma qighed nara illi huma hafna ghiddiebin.

Simon X-inhu? X-ghett?

Ewgenio Illi int ikrah.

Simon Ikrah? Iss, tara?...U jena kont nahseb li jen sabih. (Wahdu) Imma x-ser nibda nghamel b-dan it-tifel? (Ikun sejjer).

Ewgenio Stenna. Jekk titlaq inqghattalek il-libsa.

Simon Le, le...bilmot hej...ikollok ftit tal karita. (Imellislu rasu) Sbejjah daqs anglu...nghamlu li ghandu xi tliet snin, bhal ma' kellu......

Ewgenio (Jghanqu) Jena inhobbok, taf.

Simon Jena ukoll ruhi. (Ibusu).

Ewgenio Qed tniggizni bil baffi tighek hej. (Jigbidomlu). Tista tnehhihom?

Simon Igbed, igbed...jekk jidirlek li hekk sewwa.

Ewgenio Irrid il kappell tighek.

Simon Le, hej...dak ma' tnehhihx min ras il kapural Simon.

Ewgenio Imma jekk jena irridu?

Simon Jaqaw inti xi surgent biex tikkmandani? Tajjeb, ma jimpor... jimporta xejn. Ha zommu, irrid nikkuntentak. (Ipoggilu il kappell f-rasu) Halli nara...u kemm jghoqodlok tajjeb. U ghejdli daqxejn wahda, inti x-jismek?

Ewgenio Ewgenio. Imma kemm hu kbir dan il kappell, ha marridux. (Itih il kappell).

Scena IX

Roquebert u ta' qabel

Roquebert (Jithol jghannaq lill ibnu) Ibni...ghaziz ibni.

Simon (Wahdu) Ibnu...

Ewgenio Min int?

Roquebert Jen il papa tighek, li irridlek hafna gid. Ma gharaftnix?

Ewgenio (Wahdu) Dan is-suldat jghogiobni izjed, ghandu libsa sabiha wisq.

Roquebert Simon, ghandi bzonn inkelmek.

Simon Ikkmanda general.

Roquebert Simon trid issir il missier ta' dan it-tifel?

Simon U tistaqsini?

Roquebert Isimghani. Jena ghandi nitlaq immediatament ghal hdejn l-Imperatur. Nista nissoponi li f-dan l-akkampament ibni ikun kontinwament fil perikolu ta' hajtu, ghaldaqstant nikkonsenjahulek f-idejk u f-idejn martek. Simon nirrikmandalek li tiehu hsiebu u tiehdu mighek f-Sant Lawrent. Jena, appena id-dmirijiet tighi militari jippermettuli, nigi niltaqa mghakom...natik il permess ghal sena vakanza, biex inti tkun tista tmur f-pajjisek...ahna bhala suldati illum hajjin u ghada mejtin. (Johrog dokument min hobbu) Sa dan it-tant jena hsibt fit-tifel. B-dana l-att, li huwa mahrug b-awtorita militari, Ewgenio jigi iddikjarat ibni legittimu. Ghalhekk wara mewti bhala uniku eredi tighi, huwa isir il padrun ta' kull ma' ghandi u nippossiedi u li lili gie mghoti b-don ta' l-Imperatur.

Simon Kumpens meritat.

Roquebert Min hawn u ftit iehor ghandu jitlaq messaggier; permezz tighu nibghatu lin-nutar Germond.

Simon Germond?

Roquebert Iva, in-nutar tal pajjis taghna. (B-vuci vibranti u kommossa) Dina hia dikjarazzjoni li permezz tahha jigi ipprovat li dan it-tifel huwa ibni, nibghatlu ukoll it-testment tighi. (Jitni iz-zewg folji u jissigillahom) Issa isma liema huma l-istruzzjonijiet tighi lin-nutar.

Simon Qighed nisma.

Roquebert (Jirrepeti bilmod dak li jikteb dak il-hin) "Ikkonserva dan il prezzius depositu, navdalek f-idejk kull ma' hawn miktub hawnhekk...titlaq qatt dawn il karti min idejk hlief f-idejja personalment".....

Simon Tajjeb wisq.

Roquebert (Ikompli) " Jew fil kas tal mewt tighi, ikkonsenja id-dokumenti f-idejn dik il persuna li tghejdlek: "Bghatni il General Roquebert" u permezz ta' din il verita, nirrepetilek isem il ghaziza marti".

Simon (Jinterrompieh) Bizzjjed, il bqija ma jirrigwardax hlief lilek biss. (Roquebert jistringi id Simon umbat imur jiccciacra ma' Ewgenio).

Scena X

Ajjutant u ta' qabel

Roquebert (Lill Ajjutant li ikun ghadu kif dahal) Kamdant, sejjah lill messaggier li ghandu jitlaq ghal Franza u tih dan li

li sejjer niktiblek. (Roquebert jikteb l-indirizz) "Lis-sur Germond, nutar f-Sant Lawrent" (Jikkunsenja il karti lill Ajjutant li jidbiegħed, umbat iqum) Issa jen ninsab aktar kuntent. (Jinstemgħu tiri ta' azzarini fil bgħod) Xi ifisser dana l-isparar?

Simon Nahseb li dan huwa xi sinjal ta' l-attakk.

Ajjutant (Jargia jithol mill gdid jigri) General, kumpannija ta' ghadu qighed jattakka il kamp taghna.

Roquebert Tajjeb wisq. (Is-suldati imorru jehdu posthom ghal battalja).

Simon (Jitlaq jigri biex jehu f-idejh l-azzarin) Ghal-armi.

Roquebert (Izommu) Itlaq l-azzarin tighek. Illum ma' tikkumbattix. (Jurih lill Ewgenio) Hares.....(Simon minghajr ma' jitkellem jitlaq l-azzarin u imur jerfa lill Ewgenio. Roquebert idur fuq is-suldati) L-ordni ta' l-Imperatur hia li tirtiraw filwaqt li tikkumbattu. Dawn huma l-istruzzjonijiet li ghandkom issegwu.

Simon Nista almenu nispara skartocc wiehed?

Roquebert (Inkurlat) Hu malajr mighek lit-tifel u aqsam malajr dan il bosk u tasal f-kemm ili nghejdlek fejn inti u it-tifel tkunu fis-sigur. (Kommoss) Addio Simon...Addio Ewgenio, ghaziz ckejken tighi. (Sparar kontinwu ta' azzarini, Ewgenio jirtass ma Simon. Roquebert lis-suldati) Imxu mighi. (Kullhatt barra mix-xena, min barra Simon u Ewgenio).

Scena XI

Simon u Ewgenio

Simon (Ihares lejhom sejrin) Sejrin ghal battalja minghajri. (Idur fuq Ewgenio) Intant immorru. (Ipoggi fuq spaltu il kapott, jehu b-id it-tifel, u filwaqt li ikun hiereg jeqaf mill-gdid) Jidirli li fil bosk qighed nara xi bajunetti ileqqu...iva, iva minix sejjer sball...ninsabu iccirkondati mill ghadu. (Jaqbad l-azzarin).

Ewgenio X-sejjer tghamel?

Simon Jena?...Sejjer niddeverti ftit.

Ewgenio Veru? Irrid niddeverti jena ukoll.

Simon Imma naturalment. (Sparar) Gejjin il quddiem.

Ewgenio X-inhuma dawn il hsejjes?

Simon Hares l-hemm, hemmek hemm ohrajn li iridu jiddevertu bhalna, jghamlu sewwa...ma jidirlekx? (Sparar) Ma nafx fejn sejjer inqighed fis-sigur lill dan it-tifel. (Sparatura ta' azzarin li il balla tahha tghaddi min hdejn ras it-tifel u Simon jghamel tarka bih in-nifsu lill Ewgenio).

Ewgenio Min ghamel dan il hoss?

Simon (B-vuci mrgheda) Alla tighi, il balla ghaddiet sew sew min fuq rasu. (Kolp ta' sparatura ohra li permezz tahha taqghalu il berritta).

Ewgenio (Jidhaq) Hares...hares, waqghetlek il berritta.

Simon (Iross mighu lill Ewgenio) Immorru, immorru ghaziz tighi issa tara kemm sejrin niddevertu....(Wahdu) Sinjur celesti ghejni.

Ewgenio Hares lejn dak ir-ragel fuq iz-ziemel kemm qighed jigri.

Simon Gej ghan-nahha taghna. (Jipponta l-azzarin u jispara).

Ewgenio Kemm hu hmar, anqas jaf jghoqod fuq iz-ziemel, hares kif waqa.

Simon (Jikkarga mill gdid) Inti ragel ckejken, u ma' tibzax hux veru?

Ewgenio Jena? Aqta kemm qed niehu piacir...ekku, ekku...gejjin izjed, isa spara.

Simon Halli jigiu. (Irrabjat) Sakemm jibqghali skartocc wiehed biss fl-ixkubetta ma' naqtax qalbi.

Scena XII

Potichon, Picard u ta' qabel

Potichon (Jithol ma Picard) Kavalier, min hawn, min hawn....

Picard Ekku, tghejd xejn li irnexxili insib azzarin. (Jehu l-azzarin f-idejh).

Simon Hbieb, irrisparmjaw lill dan it-tifel. (it-tliet suldati jisparaw fid-direzzjonijiet kolla flimkien ma' suldati ohra li ikun qed jirtiraw).

Picard (Jaqa ferut) Ah......

Simon Alla tighi...(Imiss qalb Picard) Zewg balal laqtuh f-sidru....(Jimsah demgha).

Ewgenio Qighed tibki?...Jaqaw trid torqot int ukoll?

Simon Le, le...minhix nibki, jena qighed nidhaq...mintix tara li qighed nidhaq? (Jidhaq sfurzat) Imma jekk jena ukoll ikolli immur norqod, inti ma' tibzax wahdek hux? (Jghafas id Picard) Addio habib.....

Picard (Juri b-subghajh) Kapural, hares....

Scena XIII

Roquebert u ta' qabel

Roquebert (B'rasu infaxxata) (Ma jiflahx iriegi fuq riglejh)

| | |
|---|---|
| | Simon, inti hawn? Alla tighi...nirringrazzjak.... |
| Simon | Inti ferut? |
| Roquebert | Tini fi' hdani lill Ewgenio. <u>(Jistendi drighu u Simon itihulu fi' hdanu).</u> |
| Ewgenio | Qighed nibza...qighed nibza mid-demm. |
| Roquebert | X-dulur, x-dulur li ikolli immut biex inhalli warajja lill ibni. <u>(Jisforza, ipoggi ma' spallejn Simon u jghamel sinjal lis-suldati biex iwarbu)</u> Simon..... |
| Simon | General.... |
| Roquebert | Simon...l-isem....li inti...ghandek issemmi...lin-nutar.... huwa... |
| Simon | Ghejdli... |
| Roquebert | Mina Ta' Rantzberg, irrepetih... |
| Simon | Mina Ta Rantzberg. |
| Simon | La tinsiehx Simon...min dan...l-isem...jiddependi...il futur...ta' ibni...... |
| Simon | Qatt, inzommu dejjem stampat gewwa qalbi u f-mohhi, la tiehux hsieb. |
| Roquebert | Simon...addio...Ewgenio...missierek....sejjer ihallik...u ibierkek.....<u>(Jaqa mejjet. Is-suldati jerfghuh u johorgiu bih. Jaslu xi suldati jisparaw min bejn il kwinti. Ewgenio u Simon ilimkien jibqghu sejrin u jidbghedu bil-mod il mod filwaqt li tinghalaq il purtiera).</u> |

<u>T M I E M   T A L   P R O L O G U</u>

-oooooo0oooooo-

## I ATT

Bejn il prologu u lewwel att jghaddu ghaxar snin. Il fatt ta' dan l-att jissucciedi fil vilagg ta' Sant Lawrent, innahha ta' Grenoble fil 1816. Fix-xellug in-nahha ta' quddiem ikun hemm id-dar tat-tfal ta' Simon; in-nahha l-ohra trieq; izjed il fuq knisja li ghaliha titla xi targiet. Fil-lemin in-nahha ta' quddiem, lukanda bit-tinda li tahta ikun hemm tavolin. Aktar lura xi sigiar, u fil fond trieq.

### Scena I

Potichon u Marcu

Potichon (Ikun hiereg mid-dar, filwaqt li Marcu ikun gej mit-trieq) Ghamilt sewwa hafna Marcu, li inti gejt hawn dalghodu.

Marcu U ghaliex ghamilt sewwa, sur Potichon?

Potichon Jena nahseb li ghett bejnek u bejn ruhek, "l-imsejken Potichon jinsab imhabbat hafna, irrid immur u natih ftit ta' l-ghajnuna".

Marcu Imma skuzani, jena ma' ghett xejn min dan kollu.

Potichon (Mistghageb) Le?

Marcu Jena gejt hawn, hekk...u minghajr hsieb ta' xejn.

Potichon Iva?

Marcu Jena qatt ma' nahseb f-xejn, ghax jena huwa injurant wisq, u qatt ma' nasal biex naghmel dan li qighed tghejd.

Potichon Ghaqtali kursita; il ghaliex dejjem tghejd li inti injurant?

Marcu Kif? Forsi mhux veru? Staqsi lill kull min jafni u tara kif jirrisponduk li ma' hawnx fid-dinja bniedem injurant aktar minni. Xi tridni nghejdlek, kulltant inhossni nisthi minni in-nifsi bil hmerijiet li nikkommetti kulltant.

Potichon U le, fejn sejjer b-rasek. Mhux kullhatt fid-dinja jitwieled gharef; imma kullhatt jista jokkupa post fid-dinja fejn jista igawdi unur u dignita.

Marcu Forsi veru; imma kull ma' immur dejjem izjed ghal-ghar. U trid prova ta' dan? Ara daqxejn: hafna giuvnotti u anki rgiel ihobbu igawdu il hajja ferrieha, filwaqt li lili massibnix hlieh nitkellem ma' xi xieh jew indur b-xi marid; u dan ifisser li jena huwa injurant u ma' nafx nghejx. Meta Pietru il karrettunar li huwa b-sahtu daqs barri isawwat bil hatar tighu liz-ziemel, jena kemm kemm man-hoxx bhallikieku qighed isawwat lili stess, u ftit inkun irrid biex nidliklu xebgha ponnijiet, u dana jigri fija daqs kemm jena injurant. Meta umbat is-sur Frochard il padrun tighi, ikecci it-tlaleb min wara biebu, ikun sejjer kwasi ihossni hazin bil ghali tahhom, wara arani sejjer nigri urajhom dawk lid-disgrazzjati biex nghejnhom bix-xi hagia li inkun faddalt jen. Allura dina ma'hix prova

bizzejjed ta' l-injuranza u il bestjalita tighi? X-jidirlek?

Potichon U din issejhila injuranza? Irrid kieku insir injurant b-dan il mod jen ukoll.

Marcu X-inti tghejd?

Potichon Iva Marcu...imma nibdlu id-diskors; ma tigix ghal quddiesa solenni li sejra tigi iccelebrata illum?

Marcu X-inhu? Ser ikun hemm quddiesa solenni?

Potichon Ma tafx li kull sena issir din il quddiesa? Din hia il quddiesa solenni li it-tfal ta' Simon soltu jiccelebraw ghas-sufragju tar-ruh tal papa tahhom, il kapural Simon.

Marcu Allura nigi jena ukoll; lewwel irrid nitlob permess lis-sinjur tighi.

Potichon A propositu, ghejdli ftit; kif jittrattak is-sur Frochard?

Marcu U hekk, u hekk; ghandu qalbu taz-zonqor, ma hemmx bzonn inghejdlek.

Potichon Huwa tassew sinjur kbir?

Marcu Forsi; sinjurun anzi...imma tant huwa xhih illi certi mumenti, ikun qiesu l-aktar bniedem fqir tal pajjis.

Scena II

Picard u xi contadini
u ta' qabel

Picard *(Lill xi giuvnotti li ikunu sejrin lejn il-lukanda)* Jidrilkom li huwa sewwa li inthom tghoqodu hawn, filwaqt li fil Knisja sejra tigi iccelebrata il quddiesa b-sufragju ghar-ruh ta' msejken suldat?....*(Il contadini jitilqu lejn il Knisja).*

Potichon *(B-disprezz)* Dawn ma' kienu qatt suldati, ghalehkk jibqghu *indifferenti*.....imma ghejdli Picard, ahna biss niftakru f-Simon, li qattajna nofs hajjitna mighu fil battalji tal Germanja, x-jidirlek, eh?

Picard Iva...niftakar perfettament, li giurnata wahda gejt mibghut ma' ufficjal, li kien Ordinanza mal General, u kien jikkmanda il brigata tal kapural Simon; dana kien f-Ulma biex inkunu precisi...ghadni niftakar qiesu ilbierah; irriskjajt li ma' nargiax lura izjed...nahseb li Simon halla hajtu propju dik inhar.

Potichon Infatti wara il battalja, il mara tighu Maria reghet lura waheda bit-tifel Ewgenio; imma ftit wara l-imsejkna mara wara marda qasira tilfet hajjita bil ghali tighu, filwaqt li Simon ir-ragel tahha baqa mejjet min xi kanunata tal ghadu.

~~Picardxxxxxmsejken,~~

Picard  Imma l-izjed disgrazzjat huwa hu, li halla l-uliedu warajh, li fihom kien jispera li ghad isib il bastun tighu fi' xjuhitu. Mhux kolla il missierijiet ikollom il fortuna li jippossiedu ulied hekk bravi. (*jimsah id-dmuh*) Ah, dak ibni, kif inhossu ghallieni ghal kollox.

Potichon  Eh, lulied meta johorgiu hazin....(*Jidhol fid-dar*).

Marcu  (*Jehu b-id Picard*) Kuragg ghaziz Picard, ittama f-Alla, ibnek ghad jigi fiha u jindem, la tibzax.

Picard  Eh habib; hia il kumpannija hazina li irrovinatu. Kellu il hila jghaddi il-lejl kollu jilghab u jixrob fl-osterija.

Marcu  Issa mela qighed nifhem l-ghaliex dalghodu intqajt mighu qiesu wicc ta' katavru in-nahha tad-dar taghna.

Picard  Imma jena nara kif nghamel biex nobbligah halli ihalli ghal kollox dan il pajjis. (*F-dan il mument Ewgenio u Lucianu johorgiu mid-dar*).

Scena III

Potichon, Ewgenio, Lucianu, umbat Frochard
u ta' qabel

Ewgenio  (*Lill Lucianu*) Msejken missieri.....

Lucianu  (*Jghafaslu idejh*) Xejn la tahseb fih hija, huwa bla dubju ta' xejn qighed igawdi hemm fuq......

Ewgenio  Iva, iva....immorru.....(*Ikunu sejrin il Knisja*).

Frochard  (*Johrog mill Knisja u imur jilqa lill Ewgenio u il Lucianu*) Hrigt apposta biex noffrilkom il post tighi li ghandi lest bhala vici Sindaku, jekk forsi jati il kas li ma' issibux post addattat fil Knisja.

Lucianu  Fil Knisja sejra tigi iccelebrata quddiesa ghar-ruh missierna; u hatt ghalhekk ma' hu sejjer jirrifjutalna post xieraq

Frochard  Infatti kelli hafna il piacir li noffrilkom il post tighi...

Lucianu  Grazzi...grazzi...la tghoqodc tinkomoda ruhek ghalina..... (*Ikunu sejrin*).

Frochard  (*Wahdu*) Impertinenti....(*Lill Lucianu*) Sur Lucianu, ma' hemmx bzonn tkun daqshekk kburi ma min irid jghamillek il gid; ghaliex dejjem tista forsi tigi bzonni....

Lucianu  Bzonnok? Qatt nispera...

Frochard  Minjaf?

Ewgenio  (*Bilmod lill Lucianu*) Il ghaliex qighed tkelmu hekk?

Lucianu  Il ghaliex jena sgur li l-offerta tighu ma' hix sinciera... ah Ewgenio, jena biss naf sa' fejn jista jasal dak il bniedem, kemm gialna insofru....

| | |
|---|---|
| Ewgenio | Wara kollox ma' hix hagia sewwa li tghoqod tinkweta ruhek, imxi fil Knisja nitolbu. (Jithlu fil Knisja flimkien ma' Potichon, Marcu u Picard). |

Scena IV

Frochard wahdu umbat Taverny

| | |
|---|---|
| Frochard | (Josservahom waqt li diehlin il Knisja) Kburi u supperv... iva, kieku ma' ghandekx tati, kollox sewwa...filwaqt li anqas ma' inti thallas il kera tal artijiet li ghandek f-idejk. Tajjeb wisq habib...milli tidher inti trid tghalaqli il bieb tad-dar tighek f-wicci...tajjeb wisq, issa m-ghandix nghamel hag-ohra hlief li immur inhabbat il bieb tal kredituri tighek, umbat naraw sa fejn ghandek il hila tasal. |
| Taverny | (Jidhol bhallikieku qighed ifittex lill xi hadd) Skusi sinjur...jena strangier f-dan il pajjis, u ili nghoqod fieh ftit granet biss. Illum hia lewwel darba li ridt nghamel passiggiata, u nahseb li tlift it-trieq. |
| Frochard | Jekk minhix sejjer zball, jena qighed nitkellem mas-sur Taverny, il gdid propjetarju tal kastell ta' Bruyeres? |
| Taverny | Appuntu, sur...... |
| Frochard | Frochard...il vici Sindaku; it-trieq li ghandek tghaddi minna hia facilissima, m-ghandekx hlief li tittraversa lill-hemm fil fond in-nahha tal villa Roquebert. |
| Taverny | Roquebert? (Mistghageb) Kif inhi li inti taf b-dana l-isem? |
| Frochard | Dan huwa infatti l-isem tal kastell tighi u ta' kollha kemm huma il possedimenti tighi. Mil bqija ma' jen xejn imkabbar b-dana l-isem, jena niftahar biss bl-origini umili tighi, jena Frochard, ex taljatur tal gebel fit-trieq rjali numru sitta. |
| Taverny | U kif qatt allura akkwistajt gid hekk enormi? |
| Frochard | Eh...ma' hux hlief id-destin u xejn aktar. Ismghani: Giurnata wahda kont qighed inkisser il gebel bhas-soltu, meta f-hin wiehed il pustier ikkunsinnali inkartament issigillat u indirizzat ghalija. Gewwa fih kien hemm kitba li biha gejt mistieden biex nippresenta ruhi fl-officju tal Ministeru tal Komunikazzjonijiet ta' importanza kbira, u iffirmat mill Ministru stess. |
| Taverny | Umbat?...Ghadni minhix nifhem. |
| Frochard | Mument wiehed jekk jghogbok. Kif ippresentajt ruhi fil Ministeru qaluli li wiehed mill kugini tighi li ghadda karriera militari fil grad ta' General, kien gie partikolarment mghoti rigal mill-istess Imperatur li tighu kien anki habib, rigal li kien jikkonsisti f-possedimenti kbar, fostom kastell. |
| Taverny | Interessanti...u il General allura? |
| Frochard | Kanunata kienet il kagiun biex mar id-dinja l-ohra, u |

allura halla warajh din ir-rikkezza li bghaqghet imsemmija bl-isem ta' Roquebert.

Taverny — Sa hawn jena fimt li inti sfajt eredi universali ta' dan il General Roquebert.

Frochard — Ekku, u issa kollox huwa tighi. Niggarantilek li ma' tanc huwa facili li nigi ipprivat min dan il gid kollu.

Taverny — Ahfirli li iddisturbajtek, sur.....

Frochard — Frochard, Frochard.....vici Sindaku.

Taverny — (Wahdu) Kugin tal General; ma jena irrid nivverifika ~~xx~~ sewwa dan il fatt. (Lill Frochard) Nirringrazzjak sur Vici Sindaku.

Frochard — Imniex? Inti gentili izzejjed. (Jitlaq).

Taverny — (Wahdu) Jidirli li il Provvidenza kienet illi laqqghetni ma' dan il bniedem sabiex jirnexxili niltaqa mat-tfal tal General; imma ghalkemm huwa difficili wisq. Il kapural Simon biss sata ighejduli dan, jekk it-tifel Ewgenio huwiex haj jew inkella mejjet, u fejn nista insibu? Imma, Simon skond ittra ta' l-istess Ministru tal gwerra instab mejjet fill battalja ta' Jena. Hia kurjusa kif dan is-sur Frochard ma' kellimnix fuq it-tifel tal General. Huwa propju necessarju li jena nargia inkellmu.~~xx~~ (Jitlaq. Ighaddu xi kontadini li jibqghu diehlin il Knisja. Umbat is-scena tibqa vojta ghal ftit).

Scena V

Simon wahdu

Simon — (Jidhol mil fond. Huwa ghajjien. Jisma id-daqq tal qniepen tal Knisja; jibda ihares lejn il Knisja u jghoqod gharkuptejh, umbat iqum u ihares bi' hniena kbira lejn id-dar tighu antika) Ekku fejn hia. (Jghamel xi passi u jargia jeqaf) Inhoss il kuragg jabbandunani ghal kollox. Imxejt tant mili biex nargia narahom u inhoss li m-ghandix forza biex nghannaqom mighi. Min jaf jekk ghadhomx jiftakru fija? Ghaxar snin ghaddew, u ghat-tfal huma wisq biex jibqghu jiftakru fija. (Jersaq lejn il bieb u jeqaf qabel ma' ihabbat).

Scena VI

Potichon, Marcu u ta' qabel

Potichon — (Johorgiu mill Knisja) Fejnu sejjer dak ir-ragel? (Lill Simon) Qighed tfittex lill xi' hatt?

Simon — Infatti...inthom jaqaw tad-dar?

Potichon — Iva u le...imma inti lill min qighed tfittex?

Marcu — Jidirli li mintix tispjega ruhek bizzejjed, ghandek bzonn xi hagia?

Simon — Le, le...grazzi. Nixtieq biss li inkun naf jekk jghoqodux hawn it-tfal ta' certu.....

Potichon — Kapural Simon? Illum huwa mejjet.

Simon — Mejjet?

Potichon — Mejjet.

Marku — Forsi kont tafu int?

Simon — Iva...(B-interess) Jiftakru xejn fih f-dan il pajjis?

Potichon — Dejjem.

Simon — (B-ferh) O Alla nirringrazzjak.

Marku — Mhux talli jiftakru fieh...talli kull xxxx meta isemmuh b-ismu inehhu il kappell.

Simon — Iva eh? U dawk li jghoqodu f-dik id-dar qatt isemmuh?

Potichon — Altru milli isemmuh. Dejjem b-ismu fuq xoftejhom.

Simon — Dejjem...dejjem...(B-ferh itaptap fuq spallejn Potichon).

Marku — Xi kwarta ilu kienu hawn flimkien, u ma' ghamlux hlief li jitkelmu fuq missierhom il kapural Simon.

Simon — U ghejduli ftit...kienu xejn iddispjacuti li tilfuh?

Marku — Wisq ukoll. Bosta drabi kienu jibku it-telfa tighu.

Simon — Jibku?

Potichon — Mhux biss; ma' thgaddix giurnata li ma' jitolbux ghar-ruhu. Mindu tilfuh kienu waqaw f-miserja kbira.

Simon — Jidirli li illum hia giurnata ta dwejjaq ghalihom.

Marku — Eh, illum huwa l-anniversarju tal mewt tal kapural Simon.

Simon — Illum? L-14 ta' Ottubru? (Wahdu) U jena kont nibza li insewni. U issa jinsabu id-dar?

Marku — Le; f-dan il mument bhas-snin ta' qabel, jinsabu il Knisja biex jassistu ghal quddiesa li qgheda tigi iccelebrata b-suffragju ghar-ruh missierhom.

Simon — Quddiesa b-suffragju. (Ihalli jaqa fl-art il bastun u il kappell u igholli idu lejn is-Sema) Quddiesa lill-imsejken suldat...qlub nobbli. (jersaq lejhom) Ghettuli ukoll li huma fqar?

Potichon — Fqar inghejd.

Simon — Nirringrazzja lis-Sema li wasalt fil-waqt biex nghamilhom henjin u sinjuri.

~~SxxxxxXIIx~~

## Scena VII

Frochard, Picard u ta' qabel

**Frochard** (Johrog mill-Knisja flimkien ma' Picard,) ~~Picard jibqa sejjer~~ (Picard jibqa sejjer) Marcu....

**Marcu** Ghejdli sinjur.

**Frochard** Hu ic-cwievet tad-dar u mur gib il flus migbura. (Itih ic-cwievet).

**Marku** Dalwaqt mighek sur Padrun. (Jehu ic-cwievet u ikun sejjer).

**Potichon** Stennieni Marku halli nigi mighek.

**Frochard** Isaw malajr. Jena nghoqod hawn nistenna lill Ewgenio u lill Lucianu. (Frochard ipoggi fuq siggiu ma gemb mejda tal-lukanda).

**Simon** (Jersaq lejn Frochard) Tafhom forsi lill dawn it-tfal li ghadek kif semmejt? Forsi inti habib tahhom?

**Frochard** (Jibqa bilqgheda) Habib? Ta min?

**Simon** Tat-tfal ta' Simon.

**Frochard** (Wahdu) Dan minhu? Kemm kemm ma' iridc jinterrogani. (Ighajjat) Ghandek tkun taf illi imiss lili li ninterrogag; kun af li jena huwa il Vici Sindaku. (Iqum) Min int? Min fejn gej? U fejn inti sejjer?

**Simon** Trid taf min fejn gej? Wisq mil bghod. Fejn sejjer? Hemm gewwa id-dar tighi.

**Frochard** Id-dar tighek?

**Simon** U min jen? Ekku jena huwa missier dawk il giuvnotti li inti qighed tistenna; jena huwa Antonio Simon.

**Frochard** (Sorpris) Int Antonio Simon? X-inti tghejd? Dan il bniedem ilu mejjet ghaxar snin.

**Simon** Le; huma kienu sejrin zball, bhal ma' kienu sejrin zball ohrajn fuq xi prigiunieri ohra.

**Frochard** Allura inti tassew li huwa Antonio Simon? (Wahdu) Min ix-xiaten giebu l-hawn lill dan, nibza li sejjer itelifni dak li kont sejjer nghamel. (Lill Simon) Nifrahlek, kapural Simon; nispera li inti gibt xi hagia tal flus lill uliedek u forsi xi hwejjeg ohra ukoll.

**Simon** U jekk minflok dan li qighed issemmi jena gibt lill Ewgenio ir-rikkezzi ta' certu General?

**Frochard** Ta' general?

**Simon** Ismghani sinjur; inti fil kwalita tighek ta' Sindaku tista tatini xi ftit tal ghajnuna. Il propjeta tal

tal General Roquebert tappartieni infatti lill ibni addottiv.

Frochard (Imbezzgha) Roquebert? Xix-xiaten huwa ighejd dan il bniedem? (Lill Simon) Jidirli li wiehed minna it-tnejn qighed johlom jew wasal biex jiggennen.

Simon La l-wahda u l-anqas l-ohra sinjur. Ftit il bghod min kem hawn qaluli illi il gid kollu gie f-idejn wiehed li jigi minnu fil bghod, certu Pietro Frochard, li inti nahseb li tafu sewwa.

Frochard Jena? Iva, infatti....

Simon Sinjur, nobbligawh sabiex jirrinunzja ghal possedimenti imsemmija. Il provi, id-dokumenti, huma f-idejn wiehed nutar u m-ghandix hlief li insemmilu zewg kelmiet biex dan in-nutar jisvela l-isem tal veru eredi.

Frochard U x-inhuma dawn il kelmiet?

Simon Eh, ma nistax nippronunzjahom jekk mhux quddiem dan in-nutar. Ghada stess probabbli li nasal wasla sa ghandu u Ewgenio Simon ikun jista jehu il veru ismu ta' Roquebert u isir l-eredi ta' izjed min hames mitt elf frank. Kif tara f-din li xkora gibt xi hagia lill dawk il giuvnotti.

Frochard (Wahdu) Dan id-disgrazzjat sejjer jirrovinani.

Simon Jidirli li il Quddiesa issa spicciat. Irrid narahom mill' aktar fis.

Frochard Le, le nitolbok...mument wiehed; tghaggilx fi' hwejjeg bhal dawn. Insejt forsi li kienu izommuk b-mejjet? (Wahdu) Nippruvaw almenu li nakkwistaw ftit taz-zmien.

Simon Allura hekk ikunu jistaw jaraw li zball tahhom.

Frochard Qghedin niftehmu...imma ghandek iggib quddiem ghajnejk li hekk ghal-gharrieda ma' ikun prudenti. Ewgenio huwa wisq delikat; jista isofri hafna...

Simon U allura?

Frochard Jena nahseb li kieku xi habib ikun jista itarfilhom xi hagia bilmod il mod. Jekk inti massibx diffikolta jena stess ninkariga ruhi biex intarfilhom il verita bilmod il mod. Umbat hemm hag-ohra; trid forsi tidhol f-dik il Knisja, li gewwa fiha qgheda issir il Quddiesa ghar-ruhek stess?

Simon Sewwa qighed tghejd; jidirli li ma' hux hagia xierqa.

Frochard Allura kemm ittini zmien sabiex inkun nista intarfilhom?

Simon Intik ghaxar minuti zmien.

Frochard Ftit wisq.

Simon Tajjeb fejn illi nistenna ghaxar snin, nista nistenna ftit hin iehor, intik kwarta zmien.

Frochard — Imma....

Simon — Sa dan it-tant jena inpoggi ma' gemb il knisja u nosserwa mill bghod liz-zewg giuvnotti. (Inehhi l-ixkora min fuq spaltu u ipoggiha fuq it-tavolin tal-lukanda).

Frochard — ~~Kif~~ (Wahdu) Kif ser nghamel biex nimpedih ikellimom?

Simon — Sejjer nargia narahom mill gdid ghal-lewwel darba mill bieb tal Knisja. Jidirli li sa hawn m-hemmx perioluu.

Frochard — Minghajr dubju...imma nirrakkomandalek li ma' titkellem ma' hatt.

Simon — La tahseb xejn; jena naf tajjeb x-ghandi nghamel. (~~Jaraq~~ (Jersaq lejn il Knisja).u jithol fiha).

Scena VIII

Frochard wahdu umbat Marku
u Potichon

Frochard — Kif ser nibda nghamel biex nimpedixxi dan il kolp? Ikolli forsi nirrestitwixxi kull ma' ghandi? Ah, li kelli almenu ftit taz-zmien iehor, kieku forsi kont insib xi mezz.... xi hagia hemm bzonn li wiehed jghamel, si tratta milli issalva ~~gidek~~ patrimonju. Imma issa x-sejjer nghamel?

Marku — (Jasal imfixkel) Sur Padrun....il hallielin....

Frochard — X-hallielin huma? Isa, tkellem. (Jahtfu mill glekk u iressqu il quddiem).

Marku — Iva, il hallielin...dahlulna il hallielin.

Frochard — Imma fejn? Tkellem darba ghal dejjem.

Marku — Iva sinjur...serqu il flus kolla li kien hemm migbura ghal fqar.

Frochard — Serqu il flus?

Marku — Iva sinjur...dawk is-sitt mija u sebgha u ghoxrin frank. Malli thalt fid-dar insib il kaxxaforti skassata u kompletament vojta. (Imbikki) Sinjur kun af li jena ma' ~~ghandi~~ ghandi htija ta' xejn. Injurant jen iva, imma halliel qatt.

Frochard — U min qed itik tort? Imma min setgha ikun allura?

Potichon — (Jithol) Sinjur, hawn ittra ghalik sur Frochard, min tahieli qalli li din mibghuta min ghand it-tifel ta' Picard li ikkonsenja qabel ma' halla il pajjis ghal kollox.

Frochard — Naraw ftit. (Jiftah l-ittra u jaqra).

Potichon — (Lill Marku) Xinhuwa li gralek Marku? (Marku ikelmu f-widintu).

Frochard X-jena naqra?

Potichon (B-rahja) Voldiri kellom il hila jisirqu il flus tal fqar, eh?

Frochard (Jaqra) "Nitolbok la tiddosonorax lill missieri, il ghaliex imut sgur bil piena. Kont xurban u tlift fil lghob u l-imbit gighelni insir hati. Nippromettilek sinjur illi nahdem sabiex inkun nista nirrestitwilek sa l-anqas habba il flus li sraqtlek."

Potichon Xi trid tghamel, dejjem jinqala xi vagabond biex jghamel xi storja bhal din. Anke dalghodu tfaccia xwejjah li irid ighaddi ruhu b-suldat antik.

Frochard X-jidirlek minnu, eh?

Marku Kif, tissuspetta hazin f-dak ix-xwejjah li ghadu kif kien hawn? Imma jena sgur li dak ir-ragel huwa ragel onest.

Frochard Milli nara, donnok tafu int.

Marku Xejn affattu...imma huwa ciar bizzejjed illi ma' huwiex halliel; tant hu veru li huwa ghadu kif wasal f-dan il pajjis dalghodu, filwaqt illi ixxxxq is-serq sar ilbierah

Frochard U ghaliex sar bilfors ilbierah?

Marku Ghaliex ilbierah kienet ix-xita u illum l-art xotta, u il halliel halla l-istampa ta' riglejh imxarba fuq it-tapit.

Potichon Marku qighed jirragiuna perfettament.

Frochard Imma b-daqshekk ma' ifissirx illi dan il bniedem ma' jistax ikun xi vagabond kwalunkwe.

Marku Muhux possibili.

Frochard Kif mhux possibili?

Marku Il halliel huwa sgur mill pajjis.

Frochard U ghaliex mill pajjis? Tkellem.

Marku Ismghani. Fis-sala hemm skrivanija illi fiha qatt ma' inpoggiu xejn; hemm ukoll il kaxxaforti li fiha kien hemm dawn il flus; issa jena irrid inghejd, il ghaliex ma messewx l-skrivanija? U minflok skassaw il kaxxaforti biss.?

Frochard Isa, isa...sikket ilsienek, matafx tghejd hlief hmerijiet

Marku Ekku iva; jena dejjem nghejd li minhix hlief injurant.

Potichon U frattant Marku ma' jistax jirragiuna ahjar.

Frochard Issa naraw...ninterrogaw....(Jilmah gej lill Picard) (Wahdu) Ekku gej Picard l-hawn. Min jaf jafx li ibnu halliel. (Lill Marku) Marku fittex mur ghal pulizija.

| | |
|---|---|
| Marku | Sejjer malajr, sinjur. (Jitlaq jigri). |
| Pòtiròon | Stenna halli nigi mighek. (Jitlaq warajh). |

Scena IX

Picard u Frochard

| | |
|---|---|
| Frochard | (Jithol Picard) Ghandek forsi xi tghejdli xi hagia Picard? |
| Picard | Sur Frochard...ghandi nghejdlek, illi fid-dar tighek sar serq..... |
| Frochard | Kif inti taf ukoll? |
| Picard | Iva, jena..... |
| Frochard | U taf ukoll l-isem tal hati? |
| Picard | Huwa inutili li nghejdlek l-isem tal hati, il ghaliex jena stess gibtlek l-istess somma misruqa. |
| Frochard | (Wahdu) Tajjeb wisq, nittanta dan il kolp; mghandux ma' jirnexxix. (Lill Picard) Fimt kollox, u marric naf bl-isem tal hati. (Jehu il borsa li itih Picard) Din il borsa fiha xi flus tad-deheb antiki li kienu comprisi fis-somma misruqa. (Jargia itih il borsa) Picard dawn il flus huma il frott ta' l-gharaq tighek, u ghalhekk ma' humiex flus misruqa. |
| Picard | Imma jena min dan ftit jimpurtani. Is-somma hia l-istess ammont bhal ma' serqulek, ghalhekk..... |
| Frochard | Ghalhekk xejn, ghaziz Picard. Il pajjis kollu jaf li sar dan is-serq; u allura jekk jena niehu dawn kullhatt ikun jaf li gew lili restitwiti, hekk ukoll nigi mistoqsi min irrestitwihomli u jekk jena insemmi ismek, inti tkun obbligat li tikxef il hati. |
| Picard | Nikxef il hati.... |
| Frochard | Qighed nifhem...qighed nifhem...jena marridekx tghamel dan. Allura isma minni, argia hu lura il flus. Jena naf kif ghandi insib lill hati. |
| Picard | Sur Frochard, tahseb li issib mezz biex issib il halliel? |
| Frochard | (Ihares min taht il ghajn lejn l-ixkora ta' Simon) Forsi iva. Ismghani; illum deher fil pajjis figura ta' bniedem li ma' jghogiobni xejn, jista ikun li forsi huwa il halliel; fl-istess hin hawn ukoll wiehed disgrazzjat li nixtiequ ihalli dan il vilagg. |
| Picard | Allura? |
| Frochard | Dawn il flus allura jena marric naccettahom u li inti ma' tric tiehu lura...(Jurih li xkora ta' Simon) Poggihom f-dik li xkora. |
| Picard | Ghaliex? |

